# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Eman Hayman)

Vs

Francois Cumbo

14 ta' Frar 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Francois Cumbo iben Emanuel u Riuta xebba Zerafa mwieled Pieta' nhar 24/08/80 u residenti 35, Triq Napuljun, Zurrieq. ID 393280(M) talli fis-26/09/22 ghall-habta tal-10.45hrs gewwa Triq J Borg Msida.

1. Ksirt volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju.

2. U aktar talli volontarjament ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli meta ghamilt hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni ECW757 tal-ghamla Alfa ghad-detriment ta' Malcolm Mifsud liema hsara ma tiskorrix (Ewro 2,500 ( elfejn u hames mitt ewro) izda izjed minn ewro 250 (Ewro mitejn u hamsin.
3. U aktar talli ddepozitajt jew uzajt xi krejn jew makkinarju iehor waqt il-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi bini jew progett iehor simili minghajr permess tal-Kunsill Lokali.
4. Il-Qorti mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta Malcolm Mifsud flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat. Tapplika l- provedijment ta l-artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta artikoli 338(dd),325(b) 382A,383 LS 441.04 Reg 8(1).

Semghet ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat d-dokumenti kollha ezibiti.

Rat l-atti kollha.

Semghet it-Trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Il-Prosekuzzjoni ezebiet CCTV DOk A li ma kienx juri l-incident allegat

**Malcolm Mifsud** xehed dwar l-incident in desamina . Hu xehed dwar vettura EWC757.

**Alan Vella** xehed in rappresentanza ta'l-Kunsil Lokali ta' L-Imsida ezebixxa Dok AV.

**Mark Anthony Cremona** xehed in rappresentanza ta' Transport Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar l-ewwel akkuza ma ingabetl-ebda prova li terzi persuni gew b'xi mod iddisturbati u bhekk din- l-akkuza ma tirrizultax.

Illi dwar it-tieni akkuza, ix-xhud Malcokm Mifsud xehed dwar il-vettura EBW 757 kiff jidher ukoll mir-ritratti in atti izda l-akkuza issemmghi ECW 757 u bhekk din l-akkuza ma tirrizultax stante kunflitt serju ta' provi rigwardanti n-numru tal-vettura in kwistjoni.

Illi rigwardanti t-tielet akkuza ma kien hemm l-ebda prova li kien depozitat jew uzat xi krejn jew makkinarju iehor waqt il-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi bini jew progett iehor simili minghajr permess tal-Kunsill Lokali fid-data indikata minn ebda persuna.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti mhix qiegħda ssib lill-imsemmi Imputat ħati tal-akkuzi fil-konfront tiegħu kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u konsegwentement qiegħda tilliberah.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**